MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2010

Numru. 456/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo` Gafa]**

**vs**

**Maria-Emanuela Aquilina née Polidano**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Maria Emanuela née Polidano detentrici tal-karta tal-identita` numru 477669(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fi Frar 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda, bi hsara tal-Gverna ta' Malta,
Ghamlet qliegh b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema qliegh b'qerq jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu tal-Ewro (€2,329.37);

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda, bl-iskop li takkwista xi hlas taht l-Att Dwar is-Sigurta` Socjali, kemm ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, jew ghal xi skop iehor li ghandu x'jaqsam mal-Att Dwar is-Sigruta` Socjali, bi frodi naqset milli tirrapporta lid-Direttur tas-Sigurta` Socjali, qabel ma rceviet xi hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li kellha jew seta' ikollha konsegwenza materjali fuq l-ammont jew fuq il-mod kif inghata dak il-pagament.

Rat l-ezami tal-imputata fejn iddikjarat li hija hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha, u kkonfermat tali ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha l-fakolta` li tirregola ruhha;

Rat il-provi migjuba, inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet fejn iddikjaraw li l-imputata Maria-Emanuela Aquilina née Polidano hija *a first time offender* kif setghet tikkonstata l-Qorti permezz tal-fedina penali.

Ghal dawn il-motivi:
U filwaqt li rat l-Artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata Maria-Emanuela Aquilina née Polidano hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum, kif ukoll tordna li l-imputata ghandha thallas kull ammont dovut lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali mertu ta' dawn l-akkuzi u dan skont l-Artikolu 24(2) tal-Kap. 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------